# Kunsill Lokali Mgarr

22, Triq Sir Harry Luke, Mgarr, MST 10, Malta.
Tel : +356 21 520 011, +356 27 520 011 Fax : +356 21 522 252
E-Mail : mgarr.lc@gov.mt
*url : www.mgarr.gov.mt*


## Seduta numru 16. Illum il-Hamis, 29 ta' Lulju 2010

**MINUTI**

Il-Membri eletti fl-elezzjonijiet lokali li saru nhar is-Sibt, 6 ta' Ġunju 2009, ltaqgħu fl-Uffiċċju Amministrattiv fis-6.15p.m. fuq l-Agenda Segwenti;

Approvazzjoni tal-Minuti
Korrispondenza
Komunikazzjonijiet
Hatra Ta' Segretarju Ezekuttiv
Ftehim dwar Resurfacing ta' Triq il-Kbira
Kuntratt gdid dwar il-Gbir ta' Skart Domestiku
Festa ta' Santa Marija

**PREŻENTI**

Is-Sindku Paul Vella, il-Viċi Sindku Eman Vella, il-Kunsillier Clayton Gauci, Il-Kunsillier Giovanni Gatt, il-Kunsillier Maria Said

Deputat Segretarju Ezekuttiv : Christine Lewis
Is-Sur Cyprian Dalli

Il-Laqgħa ġiet immexxija mis-Sindku Paul Vella

**MINUTI**

**1.0 Approvazzjoni tal-Minuti**

1.1 Il-Minuti ġew meqjusa moqrija u, wara konsiderazzjoni ġew approvati kif ippreżentati u għalhekk ffirmati mis-Segretarju Eżekuttiv u s-Sindku.

**2.0 Punti Mill-Minuti**

2.1 Il-Vici Sindku Eman Vella nforma li fil-Festival Hidmet Missirijietna ippartecipaw hafna nies. Huwa qal li min attenda ghall-attivita fil-bidu taghha ma kellux hafna x'jara, izda min gie tard kellu l-okkazjoni jara l-annimali ahjar. Huwa kompla li jekk din l-attivita terga' ssir, hem mil-htiega ta' aktar helpers, biex jaghtu l-ghajnuna. Kien hemm anke hsieb li tinbidel il-gurnata bhal per ezempju Mejju.

2.2 Il-Vici Sindku nforma li bhalissa ghaddejjin il-kuntatti dwar il-Progett Youth peress li nhar is-Sibt jaslu l-partecipanti minn zewg pajjizi ohra f'Malta. It-Tema hija Healthy Eating u Sport. Il-Kunsillier Clayton Gauci qed jghin fl-organizzazzjoni ta' din l-exchange. Waqt il-Lejla Mgarrija, dawn iz-zghazagh se jintwerew il-Lejla Mgarrija fil-Pjazza. Se jzuru serer tat-tadam u ghelieqi, irziezet, esperti ta' ghasel u zjara Magro Brothers.

Kunsill Lokali Mgarr
22, Triq Sir Harry Luke, Mgarr, MST 10, Malta.
Tel : +356 21 520 011, +356 27 520 011 Fax : +356 21 522 252
E-Mail : mgarr.lc@gov.mt
url : www.mgarr.gov.mt

ŻGHIR B'QALB KBIRA

2.3 Il-Kunsillier Clayton Gauci nforma li l-Kors tal-Food Handling kien ta' success peress li nkitbu tletin ruh ghalih. Kien hemm qbil li minhabba li kien hemm konkorrenza kbira, jerga' jsir.

2.4 Il-Kunsillier Clayton Gauci nforma li l-Beach Volley sar nhar it-12,13,14 ta' Lulju, flimkien mal-Volleyball Club u inghalaq b'BBQ. Huwa qal li dan kien success u filfatt attendew 'il fuq minn hamsin partecipant.

2.5 Il-Vici Sindku nforma li ghal-progett tal-pannelli solari, kien hemm zball fl-estimi mill-Enginier, u mill-estimi li saru gie kkalkolat li l-progett ma kienx se jibqa' vijabbli. Ghalhekk kien hemm qbil li fid-dawl ta' dan l-izvilupp, il-Kunsill ma ghandux jaccetta l-progett.

2.6 Il-Vici Sindku nforma li ghall-offerta tal-Unit biex jahdem fuq il-progett Cypfire, il-persuni li applikaw talbu l-possibilita li jkollhom hmistax cans aktar biex jissottomettu l-offerta taghhom. Il-Kunsill se jiehu l-parir tad-Dipartiment jekk dan hux possibbli.

2.7 Il-Kunsill se jigbor stimi ghal Awditur ghal progett Cypfire.

2.8 Is-Sindku nforma li x-xoghol fi Triq il-Kbira jista' jinghata bidu, issa li gie l-approvazzjoni mis-Segretarjat ghall-Kunsilli Lokali u Self Employed ghall- parti finanzjarja.

**3.0 Korrispondenza**

3.1 Il-Kunsill innota l-korripondenza mill-MEPA.

3.2 Il-Kunsill qabel li jaghti koncessjoni lill-istabbilimenti kummercjali biex johorgu mwejjed u siggijiet fil-festa ta' Santa Marija.

3.3 Il-Kunsill gie nfurmat li l-Bord ta' l-Appell hareg bid-decizjoni ta' l-Appell li kellu l-Kunsill versu l-kumpanija Denfar Ltd. Kien hemm odni biex it-tender terga' tohrog, wara li t-tender precedent giet nulla. Il-Kunsill qabel li tohrog sejha ghall-offerti ghall-provvista ta' konkos.

3.4 Kien hemm diskussjoni dwar il-qaghda ta' ndafa fil-Bajja tal-Gnejna, peress li bhalissa hemm hafna hmieg. Is-Sindku se jiltaqa' ma' l-Awtorita tat-Turizmu f'dan ir-rigward.

**4.0 Komunikazzjonijiet**

4.1 Is-Sindku nforma li l-bini tal-Kunsill qed jigi utilizzat ghal korsijiet tal-kompjuter, kif ukoll mill-ghaqda sajjieda Gnejna biex ihejju l-laqghat taghhom.

4.2 Is-Sindku nforma li ghaddej xoghol ta' manutenzjoni ta' l-intrata tal-Kunsill, mill-handymen tal-Kunsill. Dan jikkonsisti f'kisi u tibjid.

4.3 Is-Sindku nforma li l-Lejla Mgarrija se ssir nhar il-Hadd 8 ta' Awissu u l-attivitajiet se jsiru fuq gurnata wahda.

**5.0 Hatra ta' Segretarju Ezekuttiv**

4.1 L-approvazzjoni tal-Prim Ministru harget biex is-Sur Cyprian Dalli jokkupa l-kariga ta' Segretarju Ezekuttiv fil-Kunsill Lokali Mgarr.

4.2 Is-Sur Dalli nforma li qed isiru l-arrangamenti mill-MPO biex jigi trasferit mal-Kunsill fl-iqsar zmien possibbli.

**6.0 Offerta ghal gbir ta' skart domestiku**

6.1 Il-Kunsill iddiskuta dwar din l-offerta fit-tul, filwaqt li gie nnutat ir-rapport tekniku f'dettall. Mir-rapport, irrizulta li s-Sur Alexander Fenech kellu l-kriterji kollha mehtiega mitluba fl-offerta, filwaqt li kellu l-aktar pakkett finanzjarju vantaggjuz. Huwa kien il-Kuntrattur li gab l-aktar persentagg gholi fl-evalwazzjoni ta' l-offerta. Barraminhekk ma kellu l-ebda default notice mahruga minn Kunsill Lokali iehor.

6.2 Is-Sindku, ssekondat mill-Vici Sindku Eman Vella ghaddha mozzjoni biex tinghazel l-offerta tal-kumpanija Euroclean, fid-dawl li ma kienx hemm ghazla ohra, minhabba r-rizultat tal-process MEAT. Il-Kunsill qabel unanimament ma din il-mozzjoni.

**7.0 Festa ta' Santa Marija**

7.1 Il-Kunsillier Clayton Gauci nforma li tkellem ma' numru ta' nies biex jippartecipaw fid-dimostrazzjoni ta' karozzi armati fit-12 ta' Awissu, flimkien mal-fenkata fil-pjazza, bhala parti mill-attivitajiet fil-granet ta' qabel il-festa ta' Santa Marija. Il-Kunsillier Giovanni Gatt informa li tkellem mal-ghaqda tal-Karozzi Amerikani li qablu li jippartecipaw ukoll.

7.2 Is-Sindku nforma li s-Supretendent tal-Pulizija ma tax permess lill-ghaqda tal-festa biex ma jinharaqx nar taht iz-zuntier tal-knisja fil-festa ta' Santa Marija. Peress li l-pulizija tat struzzjonijiet biex jintrama n-nar fi Triq Fisher, il-Kunsill ma kellux Triq ohra hlief li jaghti n-no objection.

7.3 Il-Kunsill se jordna numru ta' pulizija addizzjonali ghall-Festa ta' Santa Marija.

**8.0 Affarijiet Mixxellanji**

8.1 Il-Kunsill qabel li jordna tabella cul de sac fi Triq ta' Mahlutu, f'Bingemma.

8.2 Il-Kunsillier Clayton Gauci staqsa dwar l-izvilupp tal-finanzjament tal- Gnien Fil-Housing Estate. Is-Sindku nforma li sa issa m'hemmx risposta mill-Awtoritajiet ikkoncernati.

8.3 Il-Kunsillier Clayton Gauci fakkar dwar il-bandli fil-Pjazza. Is-Sindku nforma li qed jistenna l-pjanti taghhom mid-Dipartiment tax-xoghlijiet.

8.4 Il-Kunsillier Giovanni Gatt talab li titwahhal mera fi Triq l-Iskorvit. Is-Sindku se jmur jara l-post imsemmi.

Kunsill Lokali Mgarr
22, Triq Sir Harry Luke, Mgarr, MST 10, Malta.
Tel : +356 21 520 011, +356 27 520 011 Fax : +356 21 522 252
E-Mail : mgarr.lc@gov.mt
url : **www.mgarr.gov.mt**

ŻGħIR B'QALB KBIRA

8.5 Il-Vici Sindku ressaq l-istimi ghal ghamara ta' l-Ufficcju li se tintuza ghal front office tal-progett Biolmed. Il-Kunsill qabel li jaghzel l-offerta tal-kumpanija BDI Ltd ghal prezz ta' € 1004.50 peress li kienet l-orhos offerta.

8.6 Il-laqgha ntemmet fit-7.45pm.

8.7 Is-Sindku sejjah laqgha ohra nhar it-Tlieta, 31 ta' Awissu 2010, fil-5.30p.m.

Christine Lewis
Deputat Segretarju Ezekuttiv

Paul Vella
Sindku

**Sindku** : *Paul Vella*, **Vici Sindku** : *Eman Vella*
**Kunsillieri** : *Clayton Gauċi, Giovanni Gatt, Maria Said*
**Segretarju Ezekuttiv** : *Christine Lewis* **Dip.Gen.Mgt.(MSM), MIM, PG Cert. in CSM (Leic.)**